REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1641

tal-5 ta' Novembru 2020

dwar l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati għall-konsum mill-bniedem

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 129(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-regoli ġenerali għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali biex tkun ivverifikata l-konformità mar-regoli għandhom l-għan li jipprevjenu, jeliminaw jew inaqqsu r-riskji għall-bnedmin u għall-annimali għal livelli aċċettabbli, b'mod dirett jew permezz tal-ambjent.

(2) B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali jew oġġetti minn pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom, inkluż ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem. L-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tirrikonoxxi li l-miżuri applikati minn pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom, ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'ċerti regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament, jekk il-pajjiżi terzi jagħtu prova oġġettiva f'dan ir-rigward. Jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' dawn l-annimali u l-oġġetti minn tali pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tan-natura u l-kontenut taċ-ċertifikati jew id-dikjarazzjonijiet uffiċjali li jeħtieġ jakkumpanjaw lil dawk il-komoditajiet.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/258/KE ([2]) tapprova l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik tal-annimali fin-negozju ta' annimali ħajjin u prodotti tal-annimali, bl-objettiv li jiġi ffaċilitat il-kummerċ, fost l-oħrajn, billi jiġi stabbilit mekkaniżmu għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri sanitarji. Il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati għall-konsum mill-bniedem jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim (l-Anness I "Prodotti koperti").

(4) Il-kontrolli tal-Unjoni fl-Istati Uniti twettqu mis-17 sas-27 ta' Marzu 2015 biex tiġi evalwata s-sistema ta' kontroll fis-seħħ li tirregola l-produzzjoni tal-molluski bivalvi u l-prodotti tas-sajd derivati minnhom, maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni (il-kontrolli tal-Unjoni). Fil-kuntest ta' dawk il-kontrolli, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti taw informazzjoni dwar ir-regoli sanitarji applikabbli għall-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar fit-territorju tagħhom, il-proċeduri għall-valutazzjoni ta-riskju u l-fatturi meqjusa għall-valutazzjoni tar-riskji u għad-determinazzjoni tal-livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja fir-rigward ta' dawk l-oġġetti u l-kontroll, il-proċeduri ta' spezzjoni u l-mekkaniżmi taċ-ċertifikazzjoni uffiċjali.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/258/KE tas-16 ta' Marzu 1998 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik tal-annimali fin-negozju ta' annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (ĠU L 118, 21.4.1998, p. 1).

(5) L-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar huma soġġetti għar-regoli tal-iġjene applikabbli għall-molluski bivalvi ħajjin, imkessħin u ffriżati stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) skont il-punt 1 tat-Taqsima VII tal-Anness III tiegħu. Għalhekk, is-sejba fir-rigward tal-molluski bivalvi ħajjin fil-kuntest tal-kontrolli tal-Unjoni, tapplika għall-ekinodermi, għat-tunikati u għall-gasteropodi tal-baħar.

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 ([4]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi u tar-reġjuni tagħhom li minnhom il-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni mill-perspettiva tas-sikurezza tal-ikel, f'konformità mal-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625, li jirrikjedi l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti bir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tiegħu jew mar-rekwiżiti rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti għalihom. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626 jipprevedi li l-kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom jiġu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew mir-reġjuni tagħhom li huma elenkati fl-Anness I. L-Istati ta' Massachusetts u Washington tal-Istati Uniti jidhru f'dik il-lista.

(7) Il-kontrolli tal-Unjoni, l-assigurazzjonijiet sussegwenti mogħtija mill-Istati Uniti u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/626 jagħtu raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-miżuri applikati fl-Istati ta' Massachusetts u Washington tal-Istati Uniti għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika fir-rigward tal-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi, ekinodermi, ttunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati għall-konsum mill-bniedem, huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

(8) Biex jiġi permess id-dħul fl-Unjoni tal-molluski bivalvi, tal-ekinodermi, tat-tunikati u tal-gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati għall-konsum mill-bniedem, jeħtieġ jiġi stabbilit mudell ta' ċertifikat uffiċjali għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati għall-konsum mill-bniedem, li jirrikjedi ċertifikazzjoni li l-miżuri applikati għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' dawk l-oġġetti huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

(9) Meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, jenħtieġ li ssir referenza għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([5]), li jistabbilixxi l-kodiċijiet għall-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati għall-konsum mill-bniedem.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem, mill-Istati ta' Massachusetts u Washington tal-Istati Uniti.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/626 tal-5 ta' Marzu 2019 li jikkonċerna listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/759 fir-rigward ta' dawn il-listi (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 31).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika d-definizzjoni li ġejja:

"Molluski bivalvi" tfisser molluski bivalvi kif definit fil-punt 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 3

Ekwivalenza

Il-miżuri applikati fl-Istati ta' Massachusetts u Washington tal-Istati Uniti għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika fir-rigward tal-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati għall-konsum mill-bniedem, li għalihom ġew stabbiliti l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda fil-Parti II tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Artikolu 4

Ċertifikat uffiċjali

Kull kunsinna ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem, kif imsemmi fl-Artikolu 1, għandha tidħol biss fl-Unjoni jekk tkun akkumpanjata b'ċertifikat uffiċjali mimli kif meħtieġ f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

MUDELL TA' ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET MILL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA TA' MOLLUSKI BIVALVI, EKINODERMI, TUNIKATI U GASTEROPODI TAL-BAĦAR ĦAJJIN, IFFRIŻATI, IMKESSĦIN JEW IPPROĊESSATI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Konsenjatur/Esportatur Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-telefon				I.2. Numru tar-referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.
				I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti		
				I.4. Awtorità Lokali Kompetenti		
I.5. Konsenjatarju/Importatur Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-telefon				I.6.		
I.7. Pajjiż tal-oriġini L-Istati Uniti tal-Amerika	Kodiċi ISO US	I.8. Stat tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Post tad-dispaċċ Isem Indirizz		Numru tal-approvazzjoni/tar-reġistrazzjoni		I.12.		
I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data u ħin tat-tluq		
I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan□ Vapur□ Vagun tal-ferrovija□ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji:				I.16. Post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-UE		
				I.17. Dokumenti ta' akkumpanjament Tip Kodiċi Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		
I.18. Deskrizzjoni tal-komodità				I.19. Kodiċi tal-komodità (kodiċi tas-Sistema Armonizzata)		
						I.20. Kwantità
I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali □ Imkessaħ □ Iffriżat□						I.22. Numru ta' pakketti
I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru tas-siġill				I.24. Tip ta' imballaġġ		
I.25. Komoditajiet iċċertifikati □□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem □□ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem □ entru tad-dispaċċ □ Proċessar ulterjuri						
I.26.				I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE □		
I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet Kodiċi CN / Speċi (Isem xjentifiku) / □Konsumatur finali / Numru ta' pakketti / Natura tal-komodità / Isem l-impjant tal-manifattura u Numru tal-approvazzjoni / Piż nett / Numru tal-lott Tip ta' trattament / Maħżen imkessaħ / Post tal-qbid						

L-Istati Uniti (US) **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	II.a. Numru tar-referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. **Dikjarazzjoni tas-saħħa pubblika għall-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati għall-użu mill-bniedem**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:

— Il-prodotti deskritti hawn jikkonformaw mal-istandards rilevanti tal-Istati Uniti u mar-rekwiżiti tal-programm ta' kontroll regolatorju tal-Istati Uniti għall-frott tal-baħar bil-qoxra, u ġew prodotti f'konformità magħhom.

— Il-prodotti deskritti hawn huma ttikkettati bħala mhux maħsuba biex jingħaddsu jew biex jiġu f'kuntatt ma' kwalunkwe baħar tal-UE.

— Kull materjal mill-frott tal-baħar bil-qoxra minn sorsi barranin użat f'dawn il-prodotti joriġina minn pajjiżi terzi/stabbilimenti/żoni ta' tkabbir approvati biex jesportaw molluski bivalvi ħajjin lejn l-UE.

II.2. **Rekwiżiti għat-trasport u t-tikkettar**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:

II.2.2.1 l-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn fuq qegħdin jinżammu f'kundizzjonijiet, inkluż il-kwalità tal-ilma, li ma jbiddlux l-istat tas-saħħa tagħhom;

II.2.2.2 qabel it-tagħbija, il-kontejner għat-trasport jew id-dgħajsa barrada huma nodfa u diżinfettati jew ma ntużawx qabel; kif ukoll

II.2.2.3 il-kunsinna hija identifikata permezz ta' tikketta li tista' tinqara tajjeb fuq in-naħa ta' barra tal-kontejner, jew fil-manifest tal-vapur meta trasportata f'dgħajsa barrada, flimkien mal-informazzjoni rilevanti msemmija fil-kaxxi I.7 sa I.11 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat.

Noti

* L-istess ċertifikat ma jistax jakkumpanja lottijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin u molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar mhux ħajjin. Għandu jinħareġ ċertifikat separat għall-prodotti ħajjin u dawk mhux ħajjin.

Parti I:

— Il-kaxxa bir-referenza I.8: Reġjun tal-oriġini: l-Istat tal-Istati Uniti fejn ikunu nqabdu l-prodotti u l-kodiċi taż-żona tal-produzzjoni approvata.

— Il-kaxxa bir-referenza I.11: Post tal-oriġini: isem u indirizz tal-istabbiliment tad-dispaċċ.

— Il-kaxxa bir-referenza I.15: Numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur). Jeħtieġ tingħata informazzjoni separata fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid.

— Il-kaxxa bir-referenza I.19: Uża l-kodiċijiet xierqa tas-Sistema Armonizzata.

— Il-kaxxa bir-referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/tas-siġill: fejn japplika biss.

— Il-kaxxa bir-referenza I.28: Natura tal-komodità: speċifika hux mill-akkwakultura jew ta' oriġini selvaġġa. Tip ta' trattament: ħaj, imkessaħ, iffriżat, ipproċessat. Isem l-impjant tal-manifattura u numru tal-approvazzjoni: inkluż il-bastimenti fabbrika, il-bastimenti friża, l-imħażen imkessħa, l-impjanti tal-ipproċessar. Il-post tal-qbid jindika ż-żona tal-produzzjoni, li għandha tiġi identifikata għall-prodotti kollha.

Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti mill-kulur tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Spettur uffiċjali:

Isem (b'ittri kbar) .....

Kwalifika u titlu .....

Data .....

Firma .....

Timbru